# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru: 2**

**Rikors numru: 1099/2021/1 AD**

**Joseph P. Bonello**

**v.**

**L-Università ta' Malta u d-*Doctoral School* fl-istess Università ta' Malta għal kull interess li jista' jkollha;**

**u b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2022 il-kliem *"Doctoral School"* ġie kanċellat u sostitwit bil-kliem *"Doctoral Academic Committee"***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Joseph P. Bonello kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Settembru, 2024, fejn din: (i) astjeniet milli tqis l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tal-konvenuti; (ii) ċaħdet l-ewwel talba tal-attur biex

jiġi dikjarat li l-imġiba tal-konvenuti kienet waħda inġusta, li tmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u b'hekk ċaħdet il-bqija tat-talbiet kollha tiegħu; (iii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti sa fejn dawn ma jaqblux mal-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza; u (iv) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Novembru, 2021, l-attur fisser li huwa jsegwi kors fl-Università ta' Malta li kellu jwasslu sabiex jirċievi l-lawrja ta' Ph.D. fi ħdan il-Fakultà tal-Liġi fl-istess Università. Tenna li meta rreġistra mal-Università biex isegwi dan il-kors, huwa ssottometta l-proposta tiegħu dwar it-titolu tat-teżi, li ġie aċċettat mill-konvenuti bħala validu sabiex fuqu jibni r-riċerka tiegħu u eventwalment jissottometti teżi finali dwar l-istess suġġett. Issokta jispjega li għal perjodu ta' madwar sentejn huwa wettaq riċerka fuq it-titolu approvat mill-konvenuti u ssottometta materjal akkademiku, li kien jikkonsisti f'diversi kapitoli, sabiex l-istess materjal jiġi eżaminat u huwa jkun f'qagħda li jiġi promoss mill-kors tal-M.Phil. u jkompli r-riċerka tiegħu f'livell ta' Ph.D.

3. Skont l-attur, wara li huwa ġie eżaminat, dan il-materjal instab li fil-fatt kien tal-livell mixtieq u għalhekk huwa ngħata l-permess sabiex ikompli jwettaq ir-riċerka tiegħu fil-livell ta' Ph.D. Kompla jfisser li eventwalment huwa ssottometta t-teżi kompluta tiegħu, li kienet imsejsa

fuq il-materjal li diġà kien ġie approvat mill-konvenuti. Madankollu, il-Bord li eżamina dan il-materjal iddeċieda li t-titolu tat-teżi – li kien diġà ġie approvat mill-intimati fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-attur fil-kors – kien wiesa' wisq u b'hekk irrakkomanda li dan it-titolu kellu jinbidel u jkun aktar ristrett, bil-kundizzjoni li l-attur jingħata sena biex jirrevedi t-teżi tiegħu u jerġa' jressaqha mill-ġdid.

4. L-attur ilmenta li dan iż-żmien ta' sena li huwa ngħata kien qasir wisq għaliex f'ċirkostanzi normali eżerċizzju simili jieħu bejn erba' u tmien snin. Saħaq ukoll li l-kwistjoni dwar l-adegwatezza tat-titolu orġinali qatt ma ġiet komunikata lilu min-naħa tal-konvenuti, la fil-bidu nett meta huwa applika għall-kors u lanqas waqt li kien miexi l-proċess biex huwa jiġi promoss mill-kors tal-M.Phil għal dak tal-Ph.D. Tenna li kemm hu hekk, huwa dejjem kellu kummenti pożittivi min-naħa tat-tutur tiegħu.

5. Huwa kompla jispjega li minkejja l-inġustizzja kbira li twettqet kontrih, huwa xorta għamel ħiltu kollha u fil-fatt lesta t-teżi, kif riveduta, fiż-żmien ta' sena li l-Bord kien impona fuqu. Madankollu, il-Bord eventwalment offrielu li jersaq għal eżami orali sabiex jingħata l-lawrja tal-M.Phil minflok dik tal-Ph.D. L-attur sostna li dan huwa ma seta' jaċċettah qatt għaliex fil-fehma tiegħu l-konvenuti kienu żgwidawh u ngannawh fl-għażla tas-suġġett ta' riċerka li huwa kellu jagħmel. Żied jgħid li minħabba dan kollu, huwa ressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Edukazzjoni

fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, li fil-fatt laqa' l-ilment tiegħu u ta l-parir biex fil-futur il-konvenuti joqogħdu aktar attenti qabel ma jaqbdu u jaċċettaw titoli jew proposti għal teżijiet li eventwalment ma jirriżultawx li jkunu xierqa sabiex issir riċerka dwarhom. L-attur saħaq li madankollu, l-Ombudsman spiċċa biex ħallieh bla rimedju.

6. Żied jgħid li huwa bata inġustizzja u ġarrab id-danni għaliex minħabba dan kollu huwa ma setax ikompli jiżviluppa l-karriera akkademika tiegħu. Tenna li huwa għamel ħiltu kollha biex il-kwistjoni tissolva b'mod bonarju billi kiteb lill-konvenuti huwa stess u wara bagħtilhom ukoll ittra bl-avukat u saħansitra protest ġudizzjarju. Madankollu, skontu l-isforzi tiegħu waqgħu fuq widnejn torox. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tiddikjara li dak li seħħ jew li tħalla jseħħ da parti tal-istess intimati fil-konfront tal-esponenti fir-rigward tal-fatti fuq esposti, kien inġust u jmur kontra kull regola inerenti mal-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali li kull persuna għandha dritt għaliha;*
>
> *ii. Tiddikjara u tordna lill-istess intimati sabiex jipprovdu rimedju adegwat sabiex tiġi indirizzata l-inġustizzja li l-istess intimati wettqu fil-konfront tal-esponenti;*
>
> *iii. Tiddikjara li l-istess intimati kkaġunaw danni fil-konfront tal-istess esponenti u tillikwida tali danni;*
>
> *iv. Tordna lill-istess intimati sabiex iħallsu lill-istess esponenti d-danni hekk likwidati.»*

7. Il-konvenuti wieġbu għar-rikors tal-attur fl-20 ta' Diċembru, 2021 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«a. Illi b'mod preliminari, ir-rikorrent irid jippreċiża u jiddikjara b'mod ċar liema hi l-azzjoni minnu mressqa u f'dan ir-rigward l-esponenti jirriżervaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri wara tali kjarifika;*

*b. Illi d-Doctoral School mhix ċitata korrettement inkwantu din tissejjaħ Doctoral Academic Committee ġja Ph.D. Committee u fi kwalunkwe każ din tifforma parti mill-Università ta' Malta;*

*c. Illi d-Doctoral Academic Committee ma wettqitx l-att jew l-atti lamentati mir-rikorrent;*

*d. Illi b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, l-att jew l-atti lamentati mir-rikorrent ma jikkostitwux għemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;*

*e. Illi l-Bord tal-Eżaminaturi ta gwida lir-rikorrent, liema gwida ġiet aċċettata u implimentata mir-rikorrent, kif se jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;*

*f. Illi wkoll b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-azzjoni mressqa hi preskritta ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*g. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-esponenti aġixxew ai termini tar-Regolamenti relattivi, kif se jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;*

*h. Illi mhuwiex minnu li r-rikorrent ġie żgwidat jew ingannat mill-esponenti, kif minnu allegat;*

*i. Illi l-fatt li r-rikorrent ġie offrut li jissottometti ruħu għal interview li twassal għad-degree ta' M.Phil. minflok Ph.D. jirriżulta unikament in vista tan-natura tax-xogħol akkademiku minnu sottomess;*

*j. Illi ma twettqet l-ebda inġustizzja da parte tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrent, kif minnu allegat;*

*k. Illi mhuwiex minnu li l-aġir tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrent kien inġust jew li l-esponenti aġixxew mar-rikorrent bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kif minnu allegat;*

*l. Illi għalhekk it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent;*

*m. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

8. B'nota mressqa fl-1 ta' Frar, 2022, l-attur iddikjara li l-kawża tiegħu

hija msejsa: (i) fuq ir-Regolamenti maħruġa taħt l-**Att dwar l-Edukazzjoni** sa fejn din tirrigwarda l-proċeduri li kellhom jiġu segwiti mill-Università konvenuta fir-rigward ta' korsijiet li hija toffri, b'mod partikolari l-kors ta' Ph.D. li huwa qiegħed isegwi; u (ii) fuq ir-regoli tal-kuntratt, b'mod speċjali dawk misjuba fl-**Artikoli 959 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili**.

9. B'sentenza tas-27 ta' Settembru, 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

*«(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimati;*

*(ii) **Tiċħad** l-ewwel talba rikorrenti u konsegwentement **tiċħad** it-talbiet l-oħra rikorrenti;*

*(iii) **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati inkwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.*

*Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.»*

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet Legali***

***A. L-Ewwel u t-Tieni Eċċezzjonijiet sollevati mill-Intimati***

*28. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati jeċċepixxu illi r-rikorrent kellu jippreċiża liema hi l-azzjoni minnu mressqa. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ippreżenta nota datata l-ewwel (1) ta' Frar 2022, illi permezz tagħha kkjarifika illi l-azzjoni kienet ibbażata fuq:*

*a. L-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta) inkwantu tirrigwarda l-proċeduri li kellhom jiġu segwiti mill-intimati fil-konferiment tad-degree ta' Ph.D;*
*b. L-Artikoli 959 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*29. Din l-eċċezzjoni ġiet għalhekk sorvolata;*

*30. Permezz tat-tieni eċċezzjoni, imbagħad, l-intimati jeċċepixxu illi d-Doctoral School mhix ċitata korrettement. Din l-eċċezzjoni ġiet indirizzata bid-digriet mogħti waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar 2022, illi permezz tiegħu ġiet awtorizzata l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża;*

*31. Din l-eċċezzjoni ġiet ukoll għalhekk sorvolata;*

*32. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari.*

***B. Għemil Amministrattiv***

*33. Fir-raba' (4) paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi l-atti lamentati mir-rikorrent ma jikkostitwixxux għemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*34. Madanakollu, ir-rikorrent, bin-nota tiegħu tal-ewwel (1) ta' Frar 2022, jagħmilha ċara illi l-kawża odjerna mhix ibbażata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*35. Għaldaqstant din il-Qorti sejra **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni kif sollevata mill-intimati.*

***C. Preskrizzjoni***

*36. Fis-sitt (6) paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*37. Ikkunsidrat il-fatt illi, kif ġja ingħad, ir-rikorrent għamilha ċara illi l-kawża odjerna mhix waħda intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, din il-Qorti sejra **tastjeni** wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni kif sollevata mill-intimati.*

***D. Il-Mertu***

*(i) Fatti tal-Każ*

*38. Il-kawża odjerna ddur ma' applikazzjoni illi r-rikorrent intavola sabiex tiġi konferita lilu d-degree tal-Ph.D. fil-Liġi fi ħdan il-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta. Ir-rikorrent jgħid illi fl-2011, huwa rreġistra ruħu għad-degree tal-M.Phil fi ħdan l-istess Fakultà, u issottometta għal dan il-għan it-titolu u proposal tat-teżi prospettiv tiegħu, liema teżi kellu eventwalment iwassal ukoll sabiex ir-rikorrent ikun jista' jitlob illi d-degree tiġi trasferita għal reġistrazzjoni f'livell ta' Ph.D. b'dana illi fl-aħħar mill-aħħar kellu jiġi konferit lilu d-Dottorat. Jidher illi t-titolu u l-proposal tat-teżi sottomessi mir-rikorrent ġew approvati sabiex issir it-transfer ta' reġistrazzjoni minn M.Phil għal Ph.D, kif jirriżulta minn **Dok CB4** a fol 251 et seq. tal-proċess, u ċjoè, "The Panel is satisfied with the two chapters submitted for the upgrade and is of the view that they do reach PhD standard." Il-Bord, iżda, għamilha*

*wkoll ċara illi, "Of course, these are not final versions of the chapters in question, and might need to be revised in the light of subsequent chapters." Jiġi osservat illi t-titolu tat-teżi f'dan l-istadju kien, "Who will guard the guardians? Are adequate rules relating to the training, appointment, discipline and removal of the Judiciary in today's democratic society a real possibility or just a mirage?"*

*39. Eventwalment, ir-rikorrent issottometta l-ewwel verżjoni tat-teżi tiegħu b'dan it-titolu. Madankollu, il-Bord ta' Eżaminaturi ma tawx feedback favorevoli għar-rikorrent, iżda permezz ta' Rapport datat erbgħa (4) ta' Jannar 2018 ikkonkludew, inter alia, illi:*

*a. Rigward l-għażla tas-suġġett: Għalkemm "the candidate is to be commended for choice of subject, the subject is a vast one, which indeed may have proven too wide for detailed study" u "the candidate might have done better to opt for a narrow sub-area in the field in question, and to study this to the depth required at PhD level";*

*b. Rigward research questions: "The title of the study contains questions in itself. However, this does not exempt the candidate from the requirement of listing a set of research questions which he intends to take on in his study.";*

*c. Rigward Literature Review: "While there is no doubt that candidate did a lot of research, the study lacks a proper, formal, exhaustive literature review. [...] The result of this, is that the candidate does not explain where and how his thesis contributes to existing scholarship, and where the 'added value' of his work lies. Indeed it was observed by some of the members of the examining board that in its present state this study hardly seems to contribute to existing scholarly literature on the topic.";*

*d. Rigward Depth of Analysis: "There was consensus that the study is rich in detail, but lacks sufficient depth of analysis. Indeed it may be perceived as a commentary which brings together different works, but this does not suffice at PhD level.";*

*40. Il-Bord ikkonkluda kif isegwi:*

*«7. The conclusion*

*As already stated, the study is lacking a set of research questions. This shortcoming is reflected throughout the whole thesis. The questions had to be put, the thesis should have been framed in terms of the questions and should have been geared towards addressing these questions. Towards the end of the study, the candidate should have returned to the research questions, he should have gone into how they were considered in the text; he should then have rounded up the answers to these same questions, and provided original proposals.*

*8. The way forward*

> *The examining board has decided, in terms of SL 327.101, regulation 44.5, that for the reasons given above the candidate's efforts have not yet led to a work of the required standard. Therefore the viva is not being held at this stage, and the thesis is being referred back to the candidate for major revision and resubmission, within twelve months commencing from the date on which candidate is given a copy of this report, during which time the examining board expects the candidate to address the criticism and shortcomings pointed out in this report.»*

*41. Sussegwentement, matul din is-sena illi fiha r-rikorrent ingħata ċans jirrevedi t-teżi tiegħu, ir-rikorrent bidel it-titlu tat-teżi tiegħu kif suġġerit mill-Bord, sabiex ġie jaqra, "Who will guard the guardians? Are adequate rules relating to the discipline of the Judiciary in today's democratic society a real possibility or just a mirage?" b'dana illi minflok it-teżi kien jiffoka fuq erba' areas, u ċjoè "training, appointment, discipline and removal", issa kien jiffoka fuq "discipline". Huwa ssottometta t-teżi riveduta tiegħu fit-terminu lilu konċess;*

*42. B'Rapport datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2019, il-Bord tal-Eżaminaturi, illi kien magħmul mill-istess erba' eżaminaturi bħal fil-każ tal-ewwel Rapport, ikkonkluda:*

> *«(i) The main problem lies in the methodology, or lack of it. Candidate simply did not master this crucial aspect, which results in the work lacking the sharp focus called for under the circumstances; [...]*
>
> *(ii) The literature review is also problematic, for the simple reason that calling a chapter 'literature review' does not make it a 'literature review'; [...]*
>
> *(iii) The candidate goes on, and on, and on, discussing, repeating, practically rambling. It is truly 'dizzying' as one Examiner put it in his individual report. He also lacks depth, leaving questions un-answered, when and if the question is put at all. He also makes sweeping statements on occasion, apart from 'stumbling' upon issues as if inadvertently, not recognizing that these issues exist, and thus leaving them 'in aria';*
>
> *(iv) Yet the main problem is that after all that effort, Candidate gets nowhere. As the undersigned stated in his individual report, the work might make a good, interesting read, but no more than that and is certainly neither scientific, nor of PhD standard.»*

*43. Il-Bord ta' Eżaminaturi rrakkomanda illi jiġi konferit lir-rikorrent id-degree ta' M.Phil, iżda mhux dak ta' Ph.D. Konsegwentement ir-rikorrent ngħata data illi fiha kellu jersaq għall-eżami orali bl-intiż illi evenwtalment jiġi konferit lilu d-degree ta' M.Phil, iżda jidher illi r-rikorrent kien rikoverat l-isptar fid-data tal-eżami orali, b'dana illi baqa' ma resaqx għalih;*

*(ii) <u>Ir-Rapport tal-Ombudsman</u>*

*44. Ir-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, liema ilment kien fuq żewġ binarji:*

*a. "the propriety or impropriety of pointing out a radical defect (unsuitable title) in a thesis at a rather late stage"; u*

*b. "evaluating whether the supervision team provided by the University performed at the expected standard and, if it had not, whether this was an important factor which contributed directly to the rejection of the thesis by the Board of Examiners";*

*45. Fost osservazzjonijiet oħra, l-Ombudsman beda billi nnota illi, "It would be clear even to the non-adept that the title originally chosen by the complainant for this thesis was unsuitable for a Ph.D; the Commissioner felt as much upon receiving the complaint, and before he had ingested the material presented." Jgħid ukoll, "Although admittedly it occurred at a somewhat late stage, the pruning of the title suggested by the Examiners' Board was absolutely correct. The thesis would have stood no chance had it retained the original title." Ikompli jispjega, "Since the writer shoulders an amount of responsibility in not realizing the pit-falls presented by his original title, he cannot claim any compensation for wasted work, though he is entitled to rue it. At Ph.D level, there should be little or no reliance on others, because the thesis presented is an expression of his intellectual capacity. [...] In any case, in either failure or success, it is the student who is finally responsible, and cannot shift the blame, in case of insuccess or failure, on those who assist and advise him. After all, the degree is bestowed upon him alone. A Ph.D. thesis is above all a mature exercise which is based on one's personal judgement and intellectual resources, and no-one else's.";*

*46. Fir-rigward tal-proċess meħud mill-Bord ta' Eżaminaturi, kif regolat mir-Regolamenti 7, 10, 13 u 44 tal-Doctor of Philosophy – Ph.D. – Degree Regulations, 2008, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni rreleva:*

> *«After twelve months, his second attempt was again unsuccessful, and this goes to show that even if his attention had been drawn at an earlier stage, he would not have possessed the ability to produce a thesis of the required standard. Claiming that the second attempt was probably poorer because of the disappointment and disorientation caused by the change of title cannot be accepted by the Commissioner, even because the new title <u>did not</u> impose an increased amount of research but rather involved the judicious selection of already-written material and its incorporation in a slenderer framework or context.»*

*47. Fid-dawl tal-premess, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni kkonkluda:*

> *«The Commissioner is of the opinion, therefore, that whilst the University failed in drawing the complainant's attention to the inadequacy of the suggested title in timely fashion, and that the lateness of the demand for a more appropriate title caused disappointment and a certain amount of consternation to the complainant, such lateness did not in any material sense impinge on the quality of his final draft. It is not within the Commissioner's remit to dispute the quality of supervision offered by the University (S.L. 385.01 Part 3, 18(2)). The*

*Commissioner, then, partly upholds the complaint, in the sense that there was a failure on the part of the University to ask the complainant to alter his title at a more appropriate stage, yet this is counter-balanced by the fact that it did do so, whilst giving him an extra 12 months in which to adhere to its request. It would have been a different matter had the University never pointed out its reserve during the entire period of the compilation of the thesis and then proceeded to fail him in the interview. The Commissioner recommends that the suitability of thesis-titles be given more importance at the earliest stage, even because at that stage it is a matter of* <u>*suggested*</u> *titles.»*

*(iii)* <u>*Osservazzjonijiet ta' din il-Qorti*</u>

*48. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob:*

*(a) Dikjarazzjoni illi l-aġir tal-intimati kien inġust u jmur kontra kull regola tal-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali li kull persuna għandha dritt għaliha;*

*(b) Dikjarazzjoni u ordni sabiex l-intimati jipprovdu rimedju adegwat biex tiġi indirizzata l-inġustizzja mwettqa mill-intimati; u*

*(c) Likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrent;*

*49. Fl-ewwel lok għandu jiġi mfakkar illi l-kawża odjerna, għalkemm hija reminixxenti għal kawża intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mhix kawża ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv, iżda hija waħda bbażata, skont ir-rikorrenti stess, fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi kuntrattwali skont l-Artikoli 959 et seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*50. Stranament, iżda, ir-rikorrent jonqos, kemm fil-premessi tiegħu fir-rikors promotur, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, milli jindika preċiżament in-ness bejn it-talbiet tiegħu u d-dispożizzjoniet tal-liġi illi fuqhom qed jibbaża l-kawża. Primarjament, ma jidher illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn ir-rikorrent u l-intimati, b'dana għalhekk illi din il-Qorti ma tistax tifhem kif jinkwadraw l-Artikoli 959 et seq tal-Kap. 16 fil-kawża odjerna. Lanqas tressqu xi provi illi kien hemm xi forma ta' obbligazzjoni kontrattwali bejn ir-rikorrenti u l-intimati skont is-Sub-Titolu 1 tat-Titolu 4 tal-Kap. 16. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax illi għandha tagħmel osservazzjonijiet u/jew konsiderazzjonijiet legali f'dan ir-rigward;*

*51. Se mai, jekk ir-rikorrent kien qiegħed jagħmel referenza għall-fatt illi kien qiegħed jitlob likwidazzjoni u ħlas ta' danni, huwa kellu jindika s-Sub-Titolu 2 tat-Titolu 4 tal-Kap 16, u mhux is-Sub-Titolu 1, liema sezzjoni fil-liġi titkellem dwar id-delitti u kważi-delitti, u tinkorpora fiha wkoll d-dispożizzjonijiet tal-liġi illi jitkellmu dwar ir-responsabbiltà illi tiġi addebitata lil min jagħmel ħsara lil ħaddieħor (Art. 1029 et seq.);*

*52. Mill-banda l-oħra, f'dawk illi huma prinċipji ta' Ġustizzja Naturali, din il-Qorti tikkonkludi – stante illi, għal darb'oħra, ir-rikorrent jonqos milli jindika liema prinċipju/i ta' Ġustizzja Naturali ma ġewx osservati, u/jew kif l-istess*

*prinċipju/i ma ġewx osservati – illi r-referenza għall-prinċipji ta' Ġustizzja Naturali tirriżulta mill-fatt illi r-rikorrent ħass illi l-intimati ma kinux ġusti fl-applikazzjoni tal-proċeduri li kellhom jiġu segwiti minnhom fit-termini tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*53. Minkejja illi l-kawża odjerna mhix waħda intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tagħmel referenza għad-definizzjoni ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali kif mogħtija mill-***Prof. Tonio Borg** *fil-ktieb tiegħu,* **Maltese Administrative Law***:*

> *«The rules of natural justice emerged from English common law as a means of ensuring that bodies or persons who exercise a judicial function observe the minimum requirements of a fair procedure. These rules were deemed for a long time to apply only to judicial or quasi-judicial organs or tribunals but were extended to cover any action performed by a public authority or persons acting in an official capacity which affected the rights of the ordinary citizen. English case law, adopted by the Maltese judiciary, initially established two main principles, namely nemo iudex in causa propria and audi alteram partem. The first one is related to impartiality of the person or entity taking a decision, and the second relates to procedural fairness that includes that of hearing both sides. There is no right to an oral submission, but the opportunity should be given to air one's views if one is going to be affected by a decision of a public authority.»*

*Il-Prof. Borg isemmi wkoll "a new norm, namely that of giving reasons, particularly in case an appeal lies from a decision of a public authority", kif ukoll, "the taking of decisions within a reasonable period of time, the duty to reveal documents held by the decision-making authority, the equality of arms, and the adversarial nature of the proceedings.*

*54. Huwa paċifiku illi, fil-każ odjern, kellha tiġi applikata l-proċedura stabbilita fir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. (LS 327.101). Naturalment, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tindaga jekk effettivament kellux jiġi konferit fuq ir-rikorrent id-degree ta' Ph.D jew le, iżda dak illi qed tintalab din il-Qorti jidher illi huwa stħarriġ dwar jekk il-proċedura applikata mill-intimati kinitx waħda ġusta mar-rikorrent jew le;*

*55. Ir-rikorrent jidher illi qiegħed primarjament jilmenta mill-fatt illi t-titolu ġie approvat meta ssottomettih l-ewwel darba flimkien mal-proposal, biex imbagħad ġie aktar tard riġettat meta ssottometta l-ewwel draft tat-teżi, u ngħata biss sena sabiex jissottometti t-tieni draft. Il-Qorti rat illi r-Regolament 7(2) tal-LS 327.101 jgħid illi l-applikazzjonijiet għall-grad ta' Ph.D għandhom jinkludu, inter alia, "(a) it-titolu provviżorju tat-teżi; (b) proposta ta' riċerka dettaljata, normalment ta' madwar 1000 kelma". Hekk kif qal tajjeb il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, huwa evidenti saħansitra mit-test tal-liġi stess illi t-titolu illi jiġi sottomess f'dan l-istadju huwa wieħed "proviżorju", u t-test illi jiġi sottomess miegħu huwa biss "proposta". Dawn iż-żewġ termini, minnhom infushom, juru illi dak illi jiġi sottomess mal-applikazzjoni għall-grad ta' Ph.D. m'huwiex neċessarjament dak illi ser ikun sottomess bħala l-verżjoni*

*finali, iżda huwa biss il-punto di partenza illi minnu jkun ser jiddipartixxi l-istudent. Id-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi* **Dr Ivan Mifsud** *jikkonferma dan meta jixhed, "Aħna naraw l-istandard u naraw hemmx il-potenzjal li jilħaq il-PhD, that is all we judge at that level, ma aħniex ngħidu illi iva, li eh hemm il-potenzjal, ix-xogħol jidher tajjeb that is all we say at that stage, hemm il-potenzjal." Infatti, ma ġie fl-ebda punt kontestat il-fatt illi t-teżi tar-rikorrent kellha potenzjal f'dawk illi kienu t-tematiċi magħżula mir-rikorrent. Hekk per eżempju, fl-ewwel rapport tal-Bord ta' Eżaminaturi, il-Bord ikkonluda illi, "There was no doubt that the candidate is to be commended for choice of subject, with examiners observing that it was very important and also topical for Malta." Għaldaqstant, ikkunsidrat illi dak illi jiġi sottomess f'dan l-istadju huwa biss sample żgħir ta' dak illi jkun sejjer jiġi finalment sottomess mill-istudent, din il-Qorti ma ssibx x'tiċċensura fid-deċiżjoni mogħtija;*

*56. Hekk kif ġia rriżulta aktar 'il fuq mill-brani riprodotti mir-Rapporti tal-Bord tal-Eżaminaturi, l-issue dwar id-drafts sottomessi kienet dwar il-mod kif żvolġa l-argumenti tiegħu r-rikorrent fit-teżi tiegħu, b'dana illi, fil-każ tal-ewwel draft, it-tematiċi kienu wiesgħa ħafna b'tali mod illi ma setgħux jagħtu lok għal analiżi dettaljata ta' dak illi kien qiegħed jiġi diskuss (anke minħabba l-limitu ta' kliem imposta fuq l-istudenti fil-kitba ta' teżi), u fit-tieni draft, ir-rikorrent ma ssostanzjax l-argumenti tiegħu f'livell illi wieħed jistenna minn student ta' Ph.D. Il-Qorti hija tal-fehma illi dan kien każ ċar fejn ir-rikorrent għażel tematiċi illi kienu jimmeritaw riċerka u diskussjoni, tematiċi illi kellhom il-potenzjal iwasslu sabiex jinkiteb teżi ta' sostanza akkademika f'area fil-kamp legali Malti illi għadha ma ġietx riċerkata kemm meħtieġ; madanakollu, fl-opinjoni tal-Bord t'Eżaminaturi, ir-rikorrent ma laħaqx – f'dik illi hija riċerka, analiżi u metodoloġija – il-livell rikjest sabiex jiġi konferit lilu d-degree ta' Ph.D. Fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni dwar jekk it-teżi sottomess kienx wieħed ta' kwalità jew le tispetta lill-Bord ta' Eżaminaturi, u mhux lil din il-Qorti; iżda din il-Qorti ma ssibx x'tiċċensura fil-fatt illi l-Bord ta' Eżaminaturi waslet għal opinjoni illi kienet tvarja minn dik inizjalment mogħtija meta ġew sottomessi t-titolu provviżorju u l-proposta;*

*57. Issa l-ilment tar-rikorrent, iżda, imur oltre minn hekk, stante illi jikkontendi illi x-xogħol rikjest minnu sabiex jibdel it-titolu tat-teżi u jagħmel l-emendi neċessarji għall-ewwel draft minnu sottomess kien jimmerita terminu itwal minn terminu ta' sena. Ir-Regolament 44(5) tal-L.S. 327.101 jgħid:*

> *«(5) Jekk il-Bord ta' l-Eżaminaturi ma jkunx sodisfatt bil-kwalità tat-teżi, huwa ma jressaqx lill-istudent għall-eżami orali u għandu jew –*
>
> *(a) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien minimu ta' sitt xhur u massimu ta' tnax-il xahar f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Eżaminaturi; jew*
>
> *(b) ma jippermettix lill-istudent li jerġa' jissottomettiha f'forma riveduta iżda jressaq lill-istudent għal eżami orali għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil. minflok; jew*

*(ċ) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien sitt xhur f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' l-Eżaminaturi għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil. minflok; jew*

*(d) ma jagħtix permess biex jerġa' jissottomettiha u jiddikjara li ma jingħata l-ebda grad, sakemm li permess skont il-paragrafi (a) jew (ċ) jingħata darba biss.»*

*58. Għaldaqstant, inkwantu l-Bord ta' Eżaminaturi rrefera t-teżi lura lir-rikorrent sabiex jagħmel reviżjoni tat-titolu u tal-kontenut tiegħu, u tah żmien ta' sena illi fih kellu jagħmel dan, il-Bord ta' Eżaminaturi mexa mad-dispożizzjonijiet tal-liġi, u ta ż-żmien massimu permess mil-liġi għal reviżjoni maġġuri. Fil-fehma tal-Qorti, il-Bord ta' Eżaminaturi ma setax mexa b'mod ġust aktar minn hekk, stante illi l-Bord mhux talli ta lir-rikorrent ċans jirrevedi xogħlu, iżda talli tah l-itwal perjodu permess mil-liġi;*

*59. Inoltre, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi, fl-aħħar mill-aħħar, dak illi ġie suġġerit lir-rikorrent ma kienx illi jerġa' jibda t-teżi mill-bidu, iżda illi jiffoka fuq parti illi huwa kien diġà għamel analiżi u riċerka dwarha. Il-liġi tippermetti saħansitra illi l-Bord ta' Eżaminaturi ma jagħtix permess lil student jerġa' jissottometti t-teżi tiegħu, iżda f'dan il-każ, preċiżament peress illi kien hemm potenzjal fit-tematiċi magħżula mir-rikorrent, il-Bord ta' Eżaminaturi ħass illi kellu jagħti l-possibbiltà lir-rikorrent jemenda t-teżi tiegħu sabiex jilħaq il-livell akkademiku rikjest. Għaldaqstant, ir-rikorrent effettivament kellu sena ċans sabiex ikompli janalizza punti illi huwa stess kien diġà analizza u għamel riċerka dwarhom, u mhux sabiex jerġa' jibda with a clean slate;*

*60. Ikkunsidrat u rikapitulat il-premess, din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent illi l-intimati mxew b'mod inġust miegħu, u dan stante illi:*

*a. F'dak illi huwa bidla fit-titolu, it-titolu sottomess mir-rikorrent mal-applikazzjoni tiegħu kien juri biss snapshot ta' dak illi kellu jiġi finalment sottomess, b'dana illi ma seta kien hemm l-ebda mod illi permezz tiegħu jiġi dikjarat illi s-sottomissjoni finali ma kinitx ser tkun tal-livell rikjest għall-konferiment tad-degree tad-Dottorat; u*

*b. F'dak illi huwa t-terminu ta' sena, il-Bord ta' Eżaminaturi applika d-dispożizzjonijiet tal-liġi, u ta lir-rikorrent il-massimu permess sabiex effettivament jagħmel reviżjoni ta' xogħol illi huwa kien diġà għamel. Se mai, jekk ħass illi t-tema illi għażel mill-erba' oriġinarjament pjanati ma kinitx ser tagħtih lok u spazju sabiex jimraħ fl-analiżi tiegħu, kellu jkun ir-rikorrent illi jagħżel tema oħra, jew b'xi mod ieħor jirristretta r-riċerka tiegħu għal tematiċi inqas wiesgħa minn dawk oriġinarjament pjanati;*

*61. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.»*

11. B'rikors tal-appell imressaq fis-27 ta' Settembru, 2024, l-attur

Joseph Bonello appella minn din is-sentenza fejn ilmenta li l-għarbiel tal-provi li twettaq mill-Ewwel Qorti kien wieħed żbaljat għaliex din ma tatx piż mistħoqq lil dak li ġara, kemm fil-bidu li huwa rreġistra għall-kors ta' Ph.D fi ħdan l-Università, u kif ukoll wara.

12. Il-konvenuti wieġbu għall-appell tal-attur fit-28 ta' Novembru, 2024 u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-**<u>aggravju waħdieni</u>** tiegħu l-attur jilmenta li huwa ġie żgwidat bil-kbir mill-Università konvenuta meta fi stadju bikri tal-proċess kollu hija approvat it-titolu oriġinali tat-teżi tiegħu iżda mbagħad eventwalment ordnatlu jbiddlu madwar tmien snin wara, bi ħsara għalih. F'dan is-sens, huwa ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti fejn din ikkunsidrat li bejnu u bejn il-konvenuti ma kien hemm ebda kuntratt. Jgħid li f'dan il-każ kien hu stess li għamel offerta lill-Università konvenuta dwar it-titolu tat-teżi tiegħu u l-

Università kellha l-għażla li taċċetta jew le dik l-offerta. Jissokta jtenni li hekk kif l-Università tat l-approvazzjoni tagħha għall-offerta tiegħu u aċċettatha ntlaħaq *consensus ad idem* (qbil dwar l-istess ħaġa) bejn il-partijiet u b'hekk inħoloq kuntratt bejniethom. Għalhekk, bil-maqlub ta' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, fil-fehma tiegħu r-relazzjoni ta' bejnu u bejn l-Università konvenuta hija waħda kuntrattwali.

15. B'żieda ma' dan, l-attur isostni li ġaladarba l-Università konvenuta aċċettat u approvat it-titolu tat-teżi tiegħu, u saħansitra tatu l-permess biex jimxi mill-kors tal-M.Phil għal dak ta' Ph.D b'dak l-istess titolu, huwa kellu aspettattiva leġittima li dak it-titolu kien sejjer jibqa' l-istess. Iżid li t-titolu tat-teżi tiegħu ma kienx wieħed proviżorju u li l-għażla ta' dan it-titolu ma kinitx responsabbiltà tiegħu għaliex kienet l-Università stess li approvatu fi stadju bikri tal-kors tiegħu. Jisħaq wkoll li kien l-obbligu tal-Bord ta' Eżaminaturi li wara li eżamina l-ewwel erba' kapitoli tat-teżi tiegħu, jiġbidlu l-attenzjoni li kien hemm problema bit-titolu tat-teżi tiegħu, sabiex huwa jingħata biżżejjed żmien li fih ikun f'qagħda li jsewwi l-pożizzjoni tiegħu. Għalhekk, fil-fehma tiegħu seħħet inġustizzja gravi kontrih meta l-Università ordnatlu jbiddel it-titolu wara li huwa kien issottometta t-teżi tiegħu.

16. L-attur jikkritika wkoll l-għarbiel tal-provi li twettaq mill-Ewwel Qorti. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx il-piż mistħoqq lix-xhieda tal-Professur

Kevin Aquilina, li stqarr li s-sena żmien li ngħatat lill-attur sabiex dan jagħmel it-tibdiliet fit-teżi tiegħu wara l-bidla fit-titolu tat-teżi, ma kinitx biżżejjed. Jilmenta li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ma tat ebda raġuni l-għala hija ħasset li kellha tinjora x-xhieda u l-opinjoni tiegħu. Isostni li meta wieħed iqis l-istatura li għandu l-Professur Aquilina fl-akkademja, il-Qorti għandha toqgħod fuq il-fehma tiegħu u mhux dik tal-Ombudsman. Jgħid li wara kollox, għalkemm l-Ombudsman laqa' f'parti minnu l-ilment li huwa kien ressaq quddiemu, u anke ssuġġerixxa li l-Università konvenuta għandha toqgħod aktar attenta meta tapprova titoli ta' teżijiet, dan spiċċa biex ħallieh bla rimedju.

17. L-attur jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma tat ebda widen għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u jqajjem dubji dwar għalfejn inħass il-bżonn li din tiġi msawra mill-ġdid. Għalhekk jisħaq li s-sottomissjonijiet magħmula minnu f'din in-nota għandhom jitqiesu bħala parti integrali mill-appell tiegħu.

18. Din il-Qorti titlaq billi tistqarr li għalkemm mill-atti tal-kawża ma jirriżultax x'kienet ir-raġuni li wasslet biex in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tiġi msawra mill-ġdid, il-kopja tagħha li tinsab f'paġni 264 sa 269 tal-atti tal-kawża hija waħda sħiħa u ma hemm xejn nieqes mill-kontenut tagħha. Għalhekk, l-attur ma ġarrab ebda preġudizzju bil-fatt waħdu li n-nota ta' sottomissjonijiet orġinali tiegħu kellha tissawwar u tidħol fl-atti tal-

kawża mill-ġdid. F'kull każ, ma huwa siewi xejn l-attur meta jgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx kas tal-argumenti li huwa ressaq f'din in-nota ta' sottomissjonijiet. Anzi, l-Ewwel Qorti qalet b'mod espress f'paġna 10 tas-sentenza tagħha, li hija fil-fatt eżaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u saħansitra reġgħet għamlet referenza għaliha f'paragrafu 50 tas-sentenza tagħha.

19. Terġa' u tgħid, jirriżulta b'mod ċar minn qari tas-sentenza li l-Ewwel Qorti fehmet sew x'kienu l-punti ewlenin tat-tilwima li kellha quddiemha u jidher biżżejjed evidenti li d-deċiżjoni li ngħatat minnha tindirizza suffiċjentement dak kollu li tqanqal mill-partijiet fil-kawża għall-konsiderazzjoni tagħha (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi et v. Joseph Grioli noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ġunju, 2001 u ***Frank Attard v. Anthony Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005). Lil hemm minn dan, wara li fliet in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, din il-Qorti setgħet tinnota li l-argumenti mressqa minnu f'din in-nota reġgħu tqanqlu fir-rikors tal-appell tiegħu. Għalhekk, fi kwalunkwe każ, l-attur żgur ma jistax jilmenta li s-sottomissjonijiet tiegħu mhumiex sejrin jingħataw il-piż li jistħoqqilhom.

20. Magħluqa din il-kwistjoni, il-Qorti ttenni minnufih li hija ma taqbel xejn mal-attur fejn huwa jgħid li nħoloq kuntratt bejnu u bejn l-Università konvenuta meta din approvat u aċċettat it-titolu oriġinali tat-teżi li kien ġie

propost minnu. Kif irrimarka tajjeb il-Kummissarju tal-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman fir-rapport tiegħu, ir-**Regolament 7(2)(a) tar-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D (Leġislazzjoni Sussidjarja 327.101)** jitkellem dwar "titolu proviżorju tat-teżi". Peress li t-titolu li jiġi propost mill-istudent huwa proviżorju, dan jista' jkun suġġett għal aġġustamenti jew tibdil. Dan huwa kkonfermat kemm mid-Direttur tal-Kumitat tad-Dottorat, il-Professur Nicholas Vella, li stqarr li t-titolu ta' teżi jista' jkun suġġett għal tibdiliet sal-aħħar mument, u kif ukoll mid-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi, il-Professur Ivan Mifsud, li xehed li hija xi ħaġa normali ħafna li jinbidel it-titolu ta' teżi. Kemm hu hekk, dan ix-xhud issokta jgħid li fil-fażi tal-bidu, qabel ma titolu ta' teżi jiġi approvat, dak li jiġi mistħarreġ huwa jekk it-titolu jkollux potenzjal biex jinkiteb teżi dwaru.

21. Dak li tennew dawn iż-żewġ xhieda jinsab rifless fir-**Regolament 13 tar-Regolamenti** hawn fuq imsemmija, li jitkellem dwar kif jista' jsir tibdil fit-titolu tat-teżi, u kif ukoll fir-**Regolament 38** tal-istess **Regolamenti**, li jipprovdi għall-possibbiltà li t-titolu tat-teżi jinbidel saħansitra sa tliet xhur qabel ma ssir is-sottomissjoni tat-teżi. Fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba t-titolu ta' teżi huwa wieħed proviżorju li jista' jinbidel matul il-mixi tal-kors kollu, anke sa tliet xhur qabel is-sottomissjoni tat-teżi, dan ifisser li meta l-Università tapprova u taċċetta proposta dwar titolu ta' teżi mingħand student, dik l-aċċettazzjoni u approvazzjoni ma tista' qatt twassal għall-ħolqien ta' xi kuntratt bejn l-istudent u l-Università

dwar dak it-titolu li jkun ġie approvat minn din tal-aħħar fl-istadju tal-bidu tal-kors.

22. Għall-istess raġunijiet l-attur ma seta' jkollu ebda aspettattiva leġittima li t-titolu tat-teżi tiegħu ma kienx sejjer jiġi aġġustat jew mibdul qabel is-sottomissjoni tat-teżi. Biex aspettattiva tkun waħda leġittima jeħtieġ li jintwera li din ikollha kwalitajiet partikolari li jintitolawha tgawdi mill-ħarsien tal-Qorti. Kwalità ewlenija li jrid ikollha hi li trid tkun ċara, inekwivoka u nieqsa mill-ambigwità. Barra minn hekk, kull aspettattiva biex tkun leġittima, ma tridx tkun kontra xi kliem jew dispożizzjoni ta' xi liġi li tkun fis-seħħ. Fuq kollox, ġie meqjus mill-qrati tagħna li aspettattiva leġittima trid toħroġ minn sitwazzjoni legali, jiġifieri jrid jiġi ppruvat li l-parti kellha jedd għall-ħaġa li ġiet imċaħħda minnha (ara ***Michael Debono Ltd et v. MEPA et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2016 u ***Fish and Fish Limited v. Direttur Ġenerali għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu, 2024).

23. Fil-każ tagħna, l-aspettattiva tal-attur li t-titolu tat-teżi tiegħu jibqa' eżatt kif ġie oriġinarjament propost minnu fil-bidu nett li huwa beda l-kors ma tistax titqies bħala leġittima għaliex din tmur kontra l-kelma tal-liġi stess, li tipprovdi għal bidla u aġġustament fit-titolu tat-teżi meta jkun meħtieġ. Għalhekk, dawn iż-żewġ argumenti tal-attur ifallu għalkollox.

24. Minbarra dan, din il-Qorti ma tara xejn ħażin illi fl-għarbiel tagħha

tal-provi, l-Ewwel Qorti tat il-ġenb lix-xhieda tal-Professur Kevin Aquilina u minflok ħaddnet il-konklużjonijiet li wasal għalihom l-Ombudsman. Wara kollox, għalkemm id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman ma jsarrfux f'ġudikat u lanqas jorbtu lill-awtoritajiet u lill-eżekuttiv li jimplimentaw il-fehmiet tiegħu, wieħed jeħtieġlu jżomm quddiem għajnejh li dawn id-deċiżjonijiet jinkludu fehmiet studjati marbuta mal-ilmenti li jitressqu lil dak l-Uffiċċju f'każijiet speċifiċi u kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-eżekuttiv jew lill-awtorità pubblika li tkun biex timxi magħhom (ara ***Bunker Fuel Oil Company Limited et v. Paul Gauci et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru, 2024).

25. Sewwasew f'dan il-każ, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien x'aktarx sorpriż li l-persuni li kienu qegħdin jassistu lill-attur fl-istudju tiegħu ma ġibdulux l-attenzjoni mill-ewwel dwar il-problemi li kien sejjer iġib miegħu t-titolu tat-teżi, minħabba li dan kien wiesa' żżejjed. Madankollu, fl-istess waqt il-Kummissarju qabel li l-aġġustament fit-titolu li ġie rakkomandat mill-Bord ta' Eżaminaturi kien wieħed siewi għaliex it-titolu oriġinali tat-teżi ma kien sejjer iwassal lill-attur imkien. Bil-maqlub ta' dak li jisħaq l-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, il-Kummissarju kien tal-fehma wkoll li r-responsabbiltà għall-għażla mhux għaqlija tat-titolu tat-teżi taqa' kollha kemm hi f'ħoġor l-attur u s-superviżuri tiegħu u mhux fuq il-konvenuti.

26. Terġa' u tgħid, skont il-Kummissarju, l-attur għandu jġorr ħafna

minn din ir-responsabbiltà talli m'għarafx xi problemi setgħu jinħolqu bit-titolu orġinali tat-teżi u b'hekk huwa ma jista' jitlob ebda kumpens għax-xogħol żejjed li huwa ħa. Wara kollox, fil-livell ta' Ph.D., l-istudent ma jistax jippretendi li joqgħod jiddependi minn ħaddieħor għaliex it-teżi li jressaq jeħtiġilha tkun espressjoni tal-abbiltajiet intellettwali tiegħu. Dan ifisser, dejjem skont il-Kummissarju, li fil-livell ta' Ph.D. huwa sewwasew l-istudent li finalment huwa responsabbli għas-suċċessi u għall-fallimenti tiegħu, u mhux dawk li jgħinuh jew li jagħtuh il-pariri.

27. Il-Kummissarju kkonkluda wkoll li għalkemm kien biss wara li l-attur issottometta t-teżi tiegħu li l-Bord ta' Eżaminaturi rrakkomanda l-bidla fit-titolu, it-titolu ambizzjuż iżżejjed tat-teżi ma kienx l-unika problema. Tassew, kienu diversi nuqqasijiet oħra min-naħa tal-attur li wasslu biex t-teżi tiegħu jkun ta' livell inqas baxx minn dak li huwa aċċettat jew mistenni f'dak il-livell, fosthom it-triq żbaljata li huwa ħa minn lenti akkademika u kif ukoll numru ta' ommissjonijiet oħra. Anzi, fil-fehma tal-Kummissarju, l-għażla orġinali tat-titolu tat-teżi hija wirja ċara li l-ħiliet ta' kritika tal-attur huma x'aktarx foqra.

28. Kemm hu hekk, il-Kummissarju osserva li għalkemm l-attur ingħata tnax-il xahar żmien sabiex jagħmel tibdiliet fit-teżi tiegħu u jerġa' jissottomettiha b'titolu aktar dejjaq minn dak li kien ġie propost minnu oriġinarjament, it-tieni tentattiv tiegħu lanqas kien ta' livell sodisfaċenti. Dan fil-fehma tal-Kummissarju huwa prova ċara li anke li kieku l-attur

inġibditlu l-attenzjoni dwar l-inadegwatezza tat-titolu oriġinali fi stadju aktar bikri, huwa xorta ma kellux il-ħila li jikteb teżi tal-livell mistenni. Tabilħaqq, it-titolu tat-teżi kif aġġustat, ma tefax aktar piż ta' riċerka fuq l-attur għaliex xogħol l-attur f'dak l-istadju kien biss li jiffoka u jelabora fuq is-suġġett tat-teżi, li kien ġie mdejjaq. B'hekk, il-fatt waħdu li l-Università konvenuta ġibdet l-attenzjoni tal-attur dwar il-problema kien hemm fit-titolu magħmul minnu fi stadju avvanzat tal-kors ma kellu ebda konsegwenza materjali fuq il-kwalità tal-abbozz tat-teżi finali.

29. Huwa minnu li l-Kummissarju laqa' f'parti minnu l-ilment tal-attur għaliex kien nuqqas min-naħa tal-Università li tiġbidlu l-attenzjoni biex jibdel it-titolu tat-teżi tiegħu fi stadju aktar bikri tal-kors. Madankollu, il-Kummissarju tenna wkoll li n-nuqqas tal-Università konvenuta kien kontrobilanċjat bil-fatt li hija tatu tnax-il xahar żmien biex jerġa' jissottometti t-teżi tiegħu. Kien għalhekk li l-Kummissarju ma rrakkomandax li jingħata xi rimedju lill-attur.

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-konklużjoni tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman hija waħda ferm raġunata. Tabilħaqq, meta wieħed iqis l-għemil tal-Bord ta' Eżaminaturi fid-dawl ta' dak li jipprovdi r-**Regolament 44(5) tar-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D (Leġislazzjoni Sussidjarja 327.101)**, huwa ferm ċar li d-deċiżjoni tal-Bord li jagħti tnax-il xahar żmien lill-attur sabiex jerġa' jissottometti t-teżi tiegħu, kien l-aktar waħda favorevoli

għalih. Kemm hu hekk, ħarsa lejn dan ir-**Regolament** turik li l-attur ingħata l-massimu taż-żmien li tippermetti l-liġi sabiex jissottometti mill-ġdid it-teżi tiegħu. Għalhekk, qal x'qal il-Professur Kevin Aquilina waqt ix-xhieda tiegħu, żgur li ma jistax jingħad li l-Università konvenuta imxiet b'mod inġust mal-attur. Anzi, huwa evidenti li l-Università mxiet preċiżament mal-kelma tal-liġi.

31. Wieħed jeħtieġlu jżomm quddiem għajnejh li skont ir-**Regolament** hawn fuq imsemmi, f'dawk iċ-ċikorstanzi l-Bord tal-Eżaminaturi (li jagħmel parti mill-Università konvenuta) seta' ħa wkoll dawn it-tliet għażliet, jiġifieri: (i) li flok li jippermetti lill-attur jerġa' jissottometti t-teżi f'forma riveduta, iressqu għal eżami orali għall-għoti tal-lawrja ta' M.Phil; (ii) jew li jirreferi t-teżi lura lill-attur għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien sitt xhur f'forma riveduta għall-għoti tal-lawrja tal-M.Phil; (iii) jew saħansitra li ma jagħtix lill-attur permess li jerġa' jissottometti t-teżi u jiddikjara li ma jagħtih ebda grad. Li kieku l-Bord għażel xi waħda minn dawn il-possibbiltajiet, l-attur jaf kien ikollu raġun jilmenta mill-fatt li l-Università qatt ma ġibditlu l-attenzjoni dwar id-difetti fit-titolu tat-teżi tiegħu qabel ma huwa ssottometta l-ewwel verżjoni tat-teżi tiegħu. Iżda ġaladarba l-Università għażlet it-triq li skont il-liġi kienet l-aktar waħda vantaġġuża għall-attur, dan tal-aħħar ma jistax ikun siewi fl-ilmenti tiegħu li l-konvenuti wettqu inġustizzja kbira kontrih.

32. B'hekk, din il-Qorti jidhrilha li fil-każ inkwistjoni r-rapport tal-

Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman huwa motivat b'raġunijiet siewja, li mhux ta' min iwarrabhom faċilment. Għalhekk, meta wieħed iqis kollox, il-Qorti ma tara ebda raġuni li tiġġustifika l-indħil tagħha fl-għarbiel tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti. Naturalment, ladarba l-attur m'għandux raġun fl-ilmenti tiegħu, ma jeħtieġx li jingħatawlu r-rimedji li huwa qiegħed jippretendi.

33. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appell tal-attur qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

34. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attur Joseph P. Bonello u tikkonferma f'kollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss